MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 327/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Stephen Tonna**

**Kumpilazzjoni Nru: 327/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Tonna, ta’ 28 sena, bin Santo Tonna u Victoria Cilia, imwieled il-Pieta’, nhar it-23 ta’ Marzu, 1982 u residenti fil-fond “SanVic”, 127, Triq E.B.Vella, Mosta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 273382(M).

Akkuzati talli:
1. Nhar il-21 ta’ Frar, 2011 ghall-habta ta’ 06:30am gewwa t-Triq E.B Vella, Mosta bil-hsieb li jikkommetti

delitti wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttanta li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuni ta' huh Joseph Tonna liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill-volonta ta' l-imsemmi Stephen Tonna u dan ai terminu ta' l-artikoli 41, 214, 216(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura ta' l-ghamla ERF bin-numru ta' registrazzjoni CBF 508, liema hsara teccedi €1,164.47 u dan ghad-dannu ta' huh Reno Tonna kif ukoll talli volontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBH 272, liema hsara teccedi €167.47 u dan ghad-dannu ta' huh Joseph Tonna u dan ai terminu ta' l-artikolu 325(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ECB 238 ta' l-ghamla JCB b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded u ghamel ingurji lill-hutu Stephen Tonna u Joseph Tonna u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzat wkoll talli fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet u xhur precedenti f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zmienijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gab ruhu b'mod li ta fastidju lil hutu Joseph Tonna u Reno Tonna, jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghall-hutu Joseph Tonna u Reno Tonna u dan ai terminu ta' l-artikoli 251A u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Akkuzat wkoll talli fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet u xhur precedenti f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, hu gab ruhu b'mod li kkaguna lil hutu Joseph Tonna u Reno Tonna biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom,

jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ai termini ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba li tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Tonna u Reno Tonna u tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittmi skond l-artikolu 412C tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li f'kaz ta' htija torbot lill-akkuzat b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti u dan ai terminu ta' l-artikolu 383(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tissosspendi kull licenzja tas-sewqan li ghandu l-akkuzat ghal dak iz-zmien li jidhirlha xieraq skond il-ligi.

Rat l-artikoli 41, 214, 216, 251A, 251B, 325(1)(a)(b) u 338(e)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Rat l-atti proocesswali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jittrattaw incident li sehh nhar il-21 ta' Frar 2011 f'ghalqa fi Triq EB Vella Mosta bejn l-imputat Stephen Tonna min-naha u hutu Joseph Tonna u Reno Tonna.

Illi jibda biex jinghad li jidher li bejn l-ahwa Tonna hemm storja twila ta' disgwid relatat man-negozju taghhom u anke relatat ma'l-uzu ta' l-ghalqa fejn sehh l-incident. Fil-passat l-imputat u huh Jospeh kellhom negozju bi shab;

f'dan il-perjodu Joseph u Reno ma kienux jitkellmu. Minn xi ftit snin 'l hawn qam disgwid bejn Joseph u l-imputat u ghalhekk qasmu n-negozju. Dan wassal biex Joseph u Reno irrizolvew il-pendenzi ta' benjiethom pero spiccaw f'kunflitt ma' l-imputat b'mod li ma kienux ikellmu lil xulxin (l-imputat minn naha u hutu Joseph u Reno min-naha l-ohra), b'argumenti kontinwi u rapporti recoproci mal-pulizija minhabba dawn l-argumenti li kienu jirrivolvu primarjament dwar l-uzu ta' l-ghalqa fejn sehh l-incident.

Illi kull wiehed mit-tlett ahwa Tonna ghandu negozju relatat mal-kostruzzjoni u f'din l-ghalqa jzommu l-ingenji taghhom. Suppost kull wiehed minnhom kellu parti fejn jzomm l-ingenji tieghu ghalkemm l-ghalqa ma kenitx propjeta taghhom imma tal-familja taghhom. In oltre l-ftehiem li l-ghalqa tinqasam (ai fini ta' uzu mit-tlett ahwa Tonna) ma kienx wiehed formali jew li jirrizulta minn xi skrittura imma kien ftehiem informali bejn it-tlett ahwa Tonna.
Illi dak in-nhar ta' l-incident il-pulizija gew infurmati li kien hemm arguement f'l-ghalqa imsemmija ghalhekk marru fuq il-post. Meta waslu huma sabu lit-tlett ahwa Tonna jargumentaw bejniethom. Fil-prezenza tal-pulizija baqaw jinsolentaw u jheddu lil xulxin; sahansitra kienu ser jitqabdu b'l-idejn quddiem il-pulizija. Il-pulizija b'xi mod irnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni; dak il-hin l-ahwa Reno u Joseph allegaw mal-pulizija li l-imputat kien qabad gaffa u beda jipprova jimbotta truck ta' huh Reno biha. Il-pulizija hadu r-rapport, accertaw ruhhom li s-sitwazzjoni kienet ikkalmat u telqu minn fuq il-post. Ftit wara marru l-ghassa Joseph u Reno Tonna u ghamlu rapport iehor permezz ta' liema allegaw li wara li l-pulizija telqu minn fuq il-post l-imputat rega uza l-gaffa biex jimbotta van ta' huh Joseph u wara saq l-istess gaffa ghal fuq huh Joseph. Dan jirrizulta kemm mid-depozizzjoni ta' PC1511 Kevin Tonna kif ukoll mill-okkorrenza esebieta bhala Dok KT1.

Illi Reno Tonna ta d-depozizzjoni tieghu. Hu jghid li fil-gurnata in ezami, filghodu, cemplitlu ommu biex tghidlu li l-imputat kien qed jimbottallu t-truck bil-gaffa u cemplulu ukoll l-pulizija biex jghidulu jmur icaqlaq it-truck. Hu jghid li lill-pulizija qalilhom li ahjar imorru fuq il-post ghax l-imputat

kien qed jimbotta l-istess truck bil-gaffa. Reno mar l-ghalqa u sab lill-imputat bil-gaffa qed jipprova jimbotta t-truck; Reno jghid li hu lill-imputat ma kellmux imma minflok qaghad jiehu r-ritratti ta’ dak li kien qed jigri. Sadattant wasal Joseph u x’hin l-imputat ra lil Joseph saq warajh bil-gaffa; gie missierhom fuq il-post u l-imputat kwazi anke laqat lil missierhom waqt li kien qed isuq wara Joseph. Mbaghad gew il-pulizija u kkalmat is-sitwazzjoni u kulhadd mar ghar-rasu. Reno Tonna jkompli jghid li nnota li t-truck tieghu kellu xi taghfis fejn misset il-gaffa mieghu u wara rrealizza li kellu ukoll hsara fil-gearbox tat-truck; hu anke produca stima skond liema l-ispiza ghax-xoghol ta’ l-idejn (labour) biss kienet tammonta ghal €1374.33.

Illi Joseph Tonna ta d-depozizzjoni tieghu ukoll. Hu jaghti verzjoni li tvarju xi ftit minn dik ta’ huh Reno. Joseph jghid li meta fil-ghodu mar l-ghalqa sab il-gaffa ta’l-imputat startjata mat-truck ta’ huh Reno u ftit wara gew il-pulizija. Jospeh jghid li s-surgent beda jkellem lil hutu (u mhux lilu) u fil-prezenza tal-pulizija hutu (u mhux hu) bdew jilletikaw. Hu jkompli jirrakkonta li meta telqu l-pulizija l-imputat qabad il-gaffa u beda jimbotta l-van tieghu (ta’ Joseph) li jammetti li kien fin-nofs. Wara li ghamel hekk l-imputat hareg it-truck tieghu mill-ghalqa u telaq bih il-lavrant. Joseph Tonna jghid ukoll li mbaghad hu mar jiccekkja t-truck li kellu f’l-ghalqa u hekk kif kien miexi l’ gewwa nduna li l-imputat kien qed isuq ghal warajh bil-gaffa; hu telaq jigri pero l-imputat lahqu mat-truck u kwazi “haxknu” mat-truck; meta Joseph Tonna ra hekk beza u telaq jigri n-naha l-ohra. Tonna spjega li fil-van (dak li gie mbottat bil-gaffa) kellu ftit hsara fic-channel tal-bieba pero sewwija hu; prometta li ser igib l-ircevuti tal-part li xtara pero la qal kemm nefaq u lanqas produca l-ircevuti.

Illi ghanbu jigi rilevat li z-zewg ahwa Tonna mhux biss mhux qed jaqblu ma’ xulxin imma anke l-espert nominat minn din il-Qorti, Joseph Zammit, tefa’ dell fuq il-kredibilita ta’ Reno Tonna fis-sens li wara li ghamel l-ezamijiet kollha necessarji huwa seta’ jistabilixxi li ma kien hemm l-ebda hsara fil-gearbox tat-truck ta’ Reno Tonna.

Illi l-verzjonijiet mghotija mill-ahwa Joseph u Reno Tonna mbaghad huma kontradetti ukoll f'hafna aspetti taghhom ukoll minn dak li jghid l-imputat, li mhux biss irilaxxja stqarriija imma anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi l-imputat jammetti li huwa, permezz tal-gaffa tieghu, imbotta kemm it-truck ta' huh Reno kif ukoll il-van ta' huh Joseph pero jinsisti li hu hass ruhu kostrett jaghmel hekk peress li dawn il-vetturi kienu qed isakkrulu t-truck u ma setghax jibghat lill-lavranti ghax-xoghol. L-imputat jirrakkonta li dak in-nhar filghodu mar l-ghalqa biex jidba g-gurnata tax-xoghol billi jiehu l-ingenji li kellu bzonn pero sab li ma setghax icaqlaq it-trukkijiet ghaliex kien hemm it-truck ta' Reno qed jostakolah; it-truck kien ilu hemm xi ftit granet u l-imputat kien ilu jitlob lill-pulizija biex jghidu lil Reno biex inehhih. Il-pulizija qalulu li Reno kien wieghed li sat-Tnejn filghodu (il-gurnata ta' l-incident de quo) kien ser inehhi t-truck. L-imputat jghid li t-Tnejn filghodu stenna ftit biex forsi jasal Reno, meta ra li kien qed isir il-hin u ma setghax jibghat il-lavrant bit-truck ghax-xoghol qabad il-gaffa u pruva jimbotta t-truck biha pero ma rnexxielux. Sadattant wasal Reno li pero irrifjuta li jnehhi t-truck min-nofs ghalhekk l-imputat rega qabad il-gaffa u waqqa bicca mill-hajt ta' l-ghalqa u l-hamrija u t-terrapin li jakkumulaw mal-hajt biex jkun hemm spazju minn fejn ikun jista' jimmanuvra t-truck tieghu. Beda jsuq it-truck 'l barra mill-ghalqa u sab li ma setax ikompli jsuq ghax kien hemm il-van ta' huh Jospeh qed jimblokka l-passagg; gara li sadattant kien wasal Joseph u halla l-van tieghu hemm fin-nofs. Rinfacjat b'din is-sitwazzjoni l-imputat rega' qabad il-gaffa u mbotta il-van ukoll biex b'hekk seta johrog it-truck u l-lavrant (Chris Vella) seta' jitlaq ghax-xoghol tal-gurnata. L-imputat ikompli jispjega li meta kien qed idahhal il-gaffa lura f'ghalqa (sa dak il-hin wasal l-lavrant l-iehor Victor Grima) biex jipparkjaha hemm huh Joseph qabad brick, tela' mal-gaffa u beda jipprova jiftahlu l-bieba tal-gaffa biex jaggredih. L-imputat beda jipprova jsakkar il-bieba tal-gaffa pero wara ftit Joseph niezel minn fuq il-gaffa u telaq 'l hemm. L-imputat spjega fid-depozizzjoni tieghu li huwa normali fix-xoghol taghhom li jimbottaw xi ingenji bil-gaffa meta dawk l-ingenji jew jieqfu

jew jehlu; jghid ukoll li hemm metodu kif dan jista’ jsir minghajr ma tikkawza hsara. L-imputat jinnega li huwa saq ghal fuq huh Joseph.

Illi xehdu ukoll z-zewg lavranti ta’l-imputat. Chris Vella jghid li meta hu mar ghax-xoghol kien hemm it-truck quddiem dak ta’ l-imputat ghalhekk l-imputat prova jcaqalqu bil-gaffa pero ma jrnexxielux, ghalhekk waqqa ftit mill-hajt biex ikun jista’ johrog it-truck pero mbghad sab il-van l-iehor u dan caqalu bil-gaffa ukoll. Meta f’l-ahhar l-imputat hareg it-truck barra Vella telaq bih biex jibda x-xoghol tal-gurnata; sadattant kien wasal il-lavrant l-iehor Grima. Vella jghid li tul dan il-hin l-ewwel kien hemm Reno Tonna mbaghad wasal Joseph Tonna. Victor Grima da parti tieghu jghid li meta wasal hu l-imputat kien ser jibda jimbotta l-van ta’ Joseph; meta caqlaq il-van ta’ Joseph hareg it-truck, telaq bih Vella u l-imputat rega dahhal il-gaffa f’l-ghalqa meta mar Joseph Tonna mal-gaffa u ghamel ghall-imputat bil-gebel f’idejh.

Illi fil-verzjoni tal-fatti taghhom la l-imputat, la Vella u lanqas Grima ma jsemmu li l-pulizija marru fuq il-post.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ attentat ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Tonna; il-prosekuzzjoni qed tibbaza din l-imputazzjoni fuq l-allegazzjoni maghmula minn l-ahwa Joseph u Reno li l-imputat saq bil-gaffa ghal fuq huh Joseph.

Illi ghandu jigi rilevat li fuq dan il-punt Reno Tonna jghid li l-imputat kien qieghed jipprova jimbotta t-truck tieghu x’hin wasal Joseph u malli induna bih l-imputat saq ghal warajh bil-gaffa; l-imputat beda jimbotta kull ma jsib quddiemu waqt li kien qed isuq ghal fuq Joseph tant li anke kwazi laqat lil missieru (li skond Reno kien mar fuq il-post). Reno jghid li lahqu gew il-pulizija u waqaf kollox hemm. Joseph minn-naha l-ohra jghid li meta huwa wasal fuq il-post l-imputat kien fil-gaffa qed jipprova jcaqlaq it-truck ta’ Reno dak il-hin gew il-pulizija, ikkalmaw is-sitwazzjoni bejn l-imputat u Reno, telqu l-pulizija, l-imputat saq il-gaffa biex

imbotta l-van, hareg it-truck lil telaq bih il-lavrant u kien f'dak il-hin li l-imputat saq ghal warajh bil-gaffa.

Illi minbarra in-nuqqas ta'  qbil bejn l-ahwa Joseph u Reno fuq dan l-aspett ta' l-incident, l-imputat jinnega l huwa saq ghal wara huh fil-waqt li x-xhud Victor Grima jikkorobora dak li qal l-imputat.

Illi tenut kont ta' dawn il-verzjonijiet konfliggenti u tenut kont ukoll tal-fatt li fil-fehma taghha l-ahwa Joseph u Reno Tonna ma jistghawx jitqiesu bhal xhiedha kredibbli ghall-ahhar, il-Qorti mhiex sodisfatta li ngiebet prova fil-grad rikjest mill-Ligi li l-imputat saq ghal wara huh Joseph. Ghalhekk din l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' hsara volontarja kkawzata fi-vetturi ta' hutu Reno u Joseph; hsara kkawzata meta huwa imbotta iz-zewg ingenji bil-gaffa tieghu.

Illi ghandu jigi rilevat f'dan ir-rigward li l-imputat jammetti li huwa mbotta kemm it-truck ta' huh Reno kif ukoll il-van ta' huh Joseph. L-imputat pero jinsisti li huwa ghamel hekk ghaliex kien sar il-hin biex jibda l-gurnata tax-xoghol u hutu ma caqalqux il-vetturi taghhom huma stess. Jissottometti ukoll li huwa ma kellux l-intenzjoni li jikkawza l-hsara fil-vetturi ta' hutu tant li qaghad attent hafna biex ma tigix kawzata hsara. Din pero mhiex skuza li tiggustifika l-agir ta'l-imputat.

Illi m'hemmx dubbju li l-imputat ghazel li jcaqlaq il-vetturi ta' hutu billi jimbottahom bil-gaffa; hu kien konsapevoli li din il-manuvra tista tikkawza hsara pero xorta ghazel li jipprocedi. Ladarba, konspaevoli li bil-manuvra li kien ser jaghmel setghet tigi kawzata hsara, l-imputat ghazel li jipprocedi b'dik il-manuvra ma jistaghx jinghad li huwa ma ridx dawk il-konsegwenzi. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrizulta.

Illi pero ai fini ta' liema mis-subartikoli ta'l-artikou 325 tal-Kapitolu 9 ghandu japplika, jigi rilevat li l-hsara kkawzata mhiex dik indikata fic-citazzjoni. Ghal dak li jirrigwarda it-

truck ta' Reno (truck ERF numru CBF 508) ma jirrizultax li hemm x hsara fil-gear box imma xi ghafsa zghira. Ma ngiebet l-ebda stima ta' din il-hsara. L-istess jista' jinghad ghall-van ta' Joseph Tonna (van b'numru DBH 272) li skond l-istess Joseph Tonna kellha hsara minima li sewwieha hu stess; ma ngiebux l-irecvuti ghall-hlas ta'l-ispare parts u lanqas ma qal kemm kienu jiswew. La darba ma giex pruvat kemm kien l-ammont tal-hsara, u tenut kont tal-principju *in dubbio pro reo*, il-Qorti bil-fors trid tassumi li l-ammont tal-hsara fiz-zewg vetturi huwa lanqas wiehed prospettat fil-Ligi u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tar-reat prospettat fis-subartikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' sewqan perikoluz bla kont u traskurat; l-prosekuzzjoni qed tibbazi din l-imputazzjoni ukoll fuq l-allegazzjoni li l-imputat saq il-gaffa fid-direzzjoni ta' huh Joseph biex jikkawzalu griehi.

Illi ghar-ragunijiet espressi fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni, din l-imputazzjoni ukoll ma tistax tirrizulta.

Illi peremzz tar-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-bon ordni u l-paci publika u li ghajjar jew hedded lil hutu.

Illi mid-depozizzjoni ta' PC 1511 Kevin Tabone jirrizulta li meta l-pulizija marru fuq il-post l-imputat u hutu kienu qed jiggieldu u kienu qed jinsolentaw u jheddu lil xulxin. Dawn l-imputazzjonijiet ghalhekk jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ahhar zewg imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat jirriferu ghal fastidju da parti ta' l-imputat fil-konfront ta' hutu Joseph u Reno, kif ukoll li kkawza lill-istess hutu biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom.

Illi huwa ben stabilit fil-gurissprudenza taghna lil biex jissussistu dawn ir-reati jrid jigi pruvat agir ripetut da parti ta'l-imputat. Il-provi prodotti f'dawn il-proceduri jirreferu

limitatament ghall-incident li sehh fil-21 ta’ Frar 2011 ghalhekk dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jistghux jirrizultaw. Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li jirrizulta mill-atti li d-disgwid bejn l-ahwa Tonna ilu ghaddej snin pero ma ngiebt l-ebda prova ta’ xi incident ghajr dak fuq deskritt; fil-verita Joseph Tonna jsemmi incident iehor meta l-imputat tefghalu gebel fil-barriera pero ma jghidx meta gara dan l-incident u fi kwalunkwe kaz mhux sufficjenti biex jissodisfa l-kriterju ta’ “course of conduct” rikjest ai fini ta’l-artikoli 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas hi wahda allarmanti kif ukoll ic-cirkostazni li wasslu ghall-incident in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lil-imputat hati ta’l-ewwel, it-tielet, is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 325(1)(d) u 338(e)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni, tar-raba u tal-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommmetti reat iehor fiz-zmein prefiss.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------